

# Il-Muxrabija



*Ruben Abela*

Żgur li bosta qatt ma semgħu bil-kelma "muxrabija". Hija kelma b'għerq semitiku u li wħud jgħidu "muxrafija" minflok. Ġejja mill-verb "xiref". Nistħajjel tistaqsu "Din xi tkun?"

Din mhi xejn ħlief tieqa ċkejkna tal-injam li minnha fadal biss ftit eżempji mxerrdin fi ftit irħula f'Malta u Għawdex. Fil-fatt, matul ix-xhur li għaddew, l-Awtorità tal-Ippjanar, skedat il-muxrabiji kollha li fadlilna, dan sabiex jitħarsu u ma jintilfux. B'hekk ukoll dan l-aħħar tqajjem interess dwarhom. Għalhekk għażilt li nikteb dwar il-muxrabija u fuq kollox dwar dawk li għandna fiż-Żejtun.

Il-muxrabija hija tieqa ċkejkna li normalment insibuha fuq xi bieb ta' dar antika. Din it-tieqa, hija maħduma f'għamla ta' kaxxa mqabbża ftit 'il barra mill-kumplament tal-faċċata, b'bieba ta' persjana fuq il-wiċċ tagħha. L-injam tal-ġnub u tal-qiegħ insibu fihom xquq jew toqob. Din it-tieqa mhix bħal twieqi komuni. L-iskop tagħha mhux biex iddaħħal l-arja jew id-dawl iżda dak ta' sendikajra. Fid-dinja moderna u teknoloġika tal-lum, jaqdi l-istess funzjoni, għandna s-CCTV! Mela, jekk xi ħadd iħabbat il-bieb ta' barra, qabel ma' sid id-dar jiftaħ il-bieb, jista' jmur wara din it-tieqa u mit-toqob jew xquq li hemm fil-ġnub u l-qiegħ, jista' jittawwal biex jara min hemm iħabbat, mingħajr dan tal-aħħar jinduna li qed ikun issendikat.



Dan l-element rari fil-bini Malti aktarx imur lura għall-ħakma Għarbija għaliex huwa element li nsibuh fl-arkitettura b'influwenza Għarbija. Dan ma jfissirx li l-eżempji li għandna llum huma ta' żmien l-Għarab!



Fiż-Żejtun għad għandna numru żgħir ta' muxrabiji li lkoll kemm huma ġew imħarsa mill-Awtorità tal-Ippjanar. Sfortunatament, dik li aktarx hija l-eqdem eżempju, u li tinsab fi Triq San Duminku, matul is-snin li għaddew ġarrbet xi ħsarat u jeħtieġ tiġi restawrata. Hija muxrabija żgħira u tinsab f'bini ta' sular wieħed b'faċċata sempliċi ħafna. Jidher li din kellha dekorazzjoni fl-injam.

F'Misraħ Santa Marija, fir-Raħal ta' Fuq, insibu żewġ muxrabiji ma' dar Numru 1, eżatt biswit il-Knisja ta' Santa Marija. Dawn huma kkundizzjonati sew u t-tnejn li huma jħarsu fuq bibien li għandha din id-dar.



Fl-istess misraħ, iżda ma' dar fuq in-naħa l-oħra tal-misraħ, naraw muxrabija pjuttost kbira u li qiegħda fis-sular ta' fuq, tant li meta taraha mit-triq faċli taħsibha

*ikompli minn paġna 53*





tieqa persjana normali. Din hija mqabbża 'l barra u għandha wkoll toqob jew xquq minn fejn wieħed jista' jittawwal mill-ġenb u minn taħt.

Ir-raba' u l-aħħar muxrabija li nsibu ż-Żejtun qiegħda fi Triq Santa Katarina, kważi fuq il-ħanut tal-gazzetti li hemm fejn is-Salib, jew l-għajn tal-bhejjem. Din tixbah ħafna liż-żewġ muxrabiji li hemm ħdejn il-Knisja ta' Santa Marija.



Ħdejn il-ħanut tal-merċa li hemm wara l-Knisja ta' Santa Marija, fi Triq Santa Marija, mal-faċċata tad-dar bin-numru tal-bieb 49, insibu eżempju differenti ta' muxrabija. Din id-darba minflok tieqa fuq bieb, insibu bieb persjana li fil-ġenb għandu xaqq jew toqba minn fejn wieħed jista' jissendika.



Iżda l-aktar eżempju rari ta' sendikajra nsibuh fi Triq il-Kbira, ir-Raħal t'Isfel, fil-faċċata ta' dar antika bin-numru 92. Din hija toqba









mħaffra taħt il-gwarniċ tal-ġebel li jdawwar it-tieqa li hemm fuq il-lemin tal-bieb prinċipali. Din it-toqba tinfed san-naħa ta' ġewwa u b'hekk sid id-dar jista' jittawwal minnha u jara tajjeb min hemm wara l-bieb.

Nittama li sibtu din l-informazzjoni interessanti u li permezz tagħha qanqaltikom mhux biss ftit kurżità, iżda fuq kollox apprezzament akbar lejn dak li ħallewlna missirijietna.



The Stationer Zejtun

All kind of stationery, Books, Toys, Gifts and much more...

Tel: 2180 3622 | Mob: 7923 1123

Find us on: facebook

The Sationer Zejtun



TAL-KIKSA FRESH FRUIT & VEGETABLES



Triq il-Falkunier, Żejtun, Malta

Mobile: 9989 2554